CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 18

It- Tnejn, 12 ta' Ottubru 2020

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Camile Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.09pm.

**18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

18.1.1 Is- SE infurma lill-Kunsill li l-Kunsilliera Camile Scerri bgħatet tinfurmah li ma kienitx ser tattendi għax kienet ma jiflaħx

18.1.2 Il-Kunsill aċċetta t-talba tagħha

**18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

18.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas- Sbatax il- Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

18.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**18.3 Komunkazzjoni tas- Sindku**

18.3.1 Wara ġie approvat mill-Kunsill biex jinxtraw CCTV cameras għal Pulizija, Is- Sindku poġġa fuq il-mejda tal-kamra kwotazzjoni li tammonta għal € 458. Il-Kunsill approva

18.3.2 Is- Sindku informa lill-Kunsill li waqt laqgħa li kellu mal-pulizija rigward il-*Community Policing* tkellmu fuq il-problemi li jistgħu jiltaqgħu magħhom ir-residenti u dwar kif ser titħaddem din is-sistema ta' *community policying*. Sadanittant il-Kunsill approva li joħroġ is-sehem tiegħu biex tkun tista' tiġi mikrija karozza għal dan il-għan.

18.3.3 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li kienet ser issir laqgħa l-Ministeru tat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali fejn ser tiġi diskussa l-idea li jsir rinnovar tal-bandli li hemm barra l-Mdina b'finanzjament mill-istess Ministeru. F'din il-laqgħa ser jiġu murija xi pjanti ta'dan il-proġett. Is- Sindku għan nom tal-Kunsill xtaq jirringrazzja lill-Kunsilliera, s-Sna Sultana tal-kontribut u l-għajnuna tagħha.

18.3.3 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li b'rabta ma' l-għajnuna li ser tingħata mill-Ministeru tat-Turizmu fuq l-*upgrading* ta' Howard Gardens kif ukoll ir-Restawr ta' Għajn Hammam la darba jkollna l-permess mis-sidien għaliex Għajn Hammam hija privata, ntbghatu pjanti lill-Ministeru tal-ġnien kif ukoll saret ic- *change of architect* biex ma jkunx hemm izjed telf ta' zmien.

18.3.4 Is- Sindku qed ikollu talba mir-residenti biex jiġi installat *charging pillar* ġewwa l-Mdina. Huma qed jissugerixxu li din tiġi installata fejn l-uffiċċju tal-Kappillan. Il-Kunsill huwa ta'

l-opinjoni li jitkomplew it-taħdidiet ma' Transport Malta għar-raġuni li dawn il-pillars biex jiġu installati, kummerċjalment jridu jkunu vijabbli.

18.3.5 Saret talba lis- Sindku mir- Restoration Directorate biex fid-daħla tal-Gnien fil-Foss ta' L-Mdina isiru xi tabelli biex id-daħla tkun aċċessibbli f'kull ħin. Il-Kunsill ser jara' x' jista jagħmel

18.3.6 Is- Sindku kien ta' l-opinjoni li minn issa jinġiebu xi kwotazzjonijiet għat- tizjin tat-toroq fi zmien il-Milied. Il-Kunsill approva.

**18.4 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

18.4.1 MFCS-AACC- Il-vaċċin lil dawk vulnerabbli ser tiġi amminstrata nhar il-Ħamis 26 ta' Novembru 2020.

18.4.2 Proposta ta' NGO għal Casino Notabile biex il-Kunsill ikun eleġibbli għal xi fondi. Il-Kunsill huwa tal-fehma li jekk għandu jsir xi ħaga biex jinġabru l-fondi, huwa li jinkera l-post. Il-Kunsill qabel li għal Jannar jara' l-possibilita' ta'dan.

18.4.3 European Mobility Week- Is- SE infurma lill-Kunsill li saret l-applikazzjoni konġunta mal-Kunsill tar- Rabat ghal skema ta' finanzjament marbuta ma' din l-attivita'

18.4.4 WIFI4EU- Is- SE infurma lill-Kunsill li f' Jannar 2021 ser jingħata l-fondi biex jinxtara u jiġi installat il-WIFI f' postijiet pubbliċi ġewwa l-Mdina.

18.4.5 Cleavon Desira- Proposta Mdina Knights:- Partnership bejn il-Kunsill ta' L-Mdina u Malta Cavalry Armoury biex isiru attivitajiet fuq bazi ta' edukazzjoni u jkun hemm aktar għarfien fuq il-Kavallerija ta' Malta matul iz-zmien. Il-Kunsill approva.

18.4.6 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra fattura li ntbħatet mill- Direttorat tar- Restawr fuq xogħolijiet li saru b'rabta mat-terminal tal-karozzini. Dawn kienu xoħolijiet ta' natura urġenti wara li l- kuntratt kien ingħalaq u fondi ma kienx hemm izjed għal dan il-proġett.

18.4.6.1 Is- Sindku irrefera għal- applikazzjoni oriġinali li kienet saret mill-Kunsill għal dan il-proġett tat- terminal pero' kien hemm l-intervent tad-Direttorat tar- Restawr fejn ħa ħsieb ix-xogħolijiet kollha u anke dak ta' l-ispejjez involuti. Ghaldaqstant huwa kien tal-fehma li dan il-kont la huwa ġustifikat għandu jitħallas mill-Kunsill. Il-Kunsill approva.

18.4.7 Talba mill-Kazin Laburista tar- Rabat biex titħawwel siġra taċ-cipress f' Howard Gardens f' għeluq il-100 sena mit-twaqqif tal-Partit Laburista. Il-Kunsill approva.

**18.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

18.5.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tas- 12 ta' Ottubru 2020, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 24,310.03

18.5.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ser tiġi iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**18.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

18.6.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-17.08pm u ġiet aġġornata għat-9 ta' Novembru 2020 fit-3pm

IFFIRMATA
______________
Peter Sant Manduca
Sindku

IFFIRMATA
______________
Mark Mallia
Segretarju Eżekuttiv

Data: 09-11-2020________